**Ħarstek**

Safejn tasal dik ħarstek
Hekk kbira u profonda,
Għidli int liema poeta
Jgħidilhiex ċatta jew tonda?
Ħaġa waħda naf oħti
Li min jafek żgur jara,
B'liema ħlewwa, b'liema mħabba
Fin-nar tidħol ħa tissara.

Ħarstek ħelwa w mill-oħla
Iddakkar lill-prinċpijiet,
Hekk imzejna b'ħafna għaqal
Tlaħħaq ma' bosta trufijiet.
Biex imbagħad b'qalbek safja
Tgħannaq lill-abbandunat,
F'dik ħarstek imqiegħda l-ħniena
Li tfejjaq 'l min ġie traskurat.

Għalhekk tibqa' bħall-warda
Li fwieħatek qawwija,
Bl-umilta l'għandek ġo qalbek
Iddewwi tant qlub mifnija.
Għalhekk sbuħitek tibqa'
Tixgħel l-oħla tjubitek,
Ibqa' kun dik it-tnebbieħa
Li tinżel hawn fostna b'ħarstek.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Dicembru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen